



Kumitat għall-Baġits

2016/0378(COD)

31.8.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)
(COM(2016)0863 – C8-0494/2016 – 2016/0378(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) L-Aġenzija **għandha tkun iffinanzjata** prinċipalment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, **minn tariffi** u **minn kontributi** volontarji. B' mod partikolari, **ir-riżorsi** li attwalment **joffru l-awtoritajiet** regolatorji għall-kooperazzjoni tagħhom fil-livell tal-Unjoni **għandhom** jibqgħu disponibbli għall-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni **għandha** tibqa' applikabbli **sakemm** tikkonċerna kwalunkwe sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Barra minn hekk, **l-ivverifikar** tal-kontijiet **għandu** jsir minn awditur estern indipendenti konformement mal-Artikolu 107 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013³³.

³³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

Emenda

(29) L-Aġenzija **jenħtieġ li tiġi ffinanzjata** prinċipalment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, **mill-ħlasijiet** u **mill-kontribuzzjonijiet** volontarji, **mingħajr ma jiġu kompromessi n-newtralità jew l-indipendenza tal-Aġenzija**. B' mod partikolari, **jenħtieġ li r-riżorsi** li attwalment **huma akkomunati mill-awtoritajiet** regolatorji għall-kooperazzjoni tagħhom fil-livell tal-Unjoni jibqgħu disponibbli għall-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni **jenħtieġ li** tibqa' applikabbli **sa fejn** tikkonċerna kwalunkwe sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Barra minn hekk, **l-awditjar** tal-kontijiet **jenħtieġ li** jsir minn awditur estern indipendenti konformement mal-Artikolu 107 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013³³.

³³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Jenħtieġ li l-Aġenzija tiffissa l-ħlasijiet għas-servizzi tagħha b'mod trasparenti, ġust, mhux diskriminatorju u uniformi. Il-ħlasijiet jenħtieġ li ma jipperikolawx il-kompetittività tal-industrija kkonċernata jew l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Aġenzija.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 29b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29b) Il-baġit tal-Aġenzija jenħtieġ li jitħejja bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi tagħha u r-riżultati mistennija tal-kompiti tagħha.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

PE605.971v02-00

4/11

AD\1133112MT.docx

L-Aġenzija għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod indipendenti u oġġettiv.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. **Il-membri** tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom jintrabtu li jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess pubbliku Għal dan il-għan, kull membru għandu jagħmel dikjarazzjoni ***bil-miktub dwar l-impenji*** u dikjarazzjoni ***bil-miktub dwar l-interessi*** li jindikaw jew in-nuqqas ta' kull interess li jista' jiġi meqjus li jippreġudika l-indipendenza tiegħu jew kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi ta' kull sena.

8. **Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-membri maħtura mill-Kummissjoni, il-membri** tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom jintrabtu li jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess pubbliku, ***bla ma jfittxu jew isegwu kwalunkwe struzzjoni politika.*** Għal dan il-għan, kull membru għandu jagħmel dikjarazzjoni ***tal-impenji bil-miktub*** u dikjarazzjoni ***tal-interessi bil-miktub*** li jindikaw jew in-nuqqas ta' kull interess li jista' jiġi meqjus li jippreġudika l-indipendenza tiegħu jew kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi ta' kull sena.

Ġustifikazzjoni

Ikun xieraq li jinżamm il-ħarsien tal-membri tal-bord amministrattiv minn istruzzjonijiet politiċi filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol speċjali tal-membri maħtura mill-Kummissjoni. Din l-emenda hija neċessarja għal raġunijiet urġenti relatati mal-loġika interna tal-governanza tal-Aġenzija.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest ta' emenda sostanzjali kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, għandu dejjem jiġi kkunsidrat l-għoti ta' prijoritajiet ġodda lill-attivitajiet qabel jiġu assenjati riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) kwalunkwe **kontributi volontarji** mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet regolatorji **taħt** l-Artikolu 20(1)(g);

(c) kwalunkwe **kontribuzzjoni volontarja** mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet regolatorji **skont** l-Artikolu 20(1)(g), **mingħajr ma jiġu kompromessi l-indipendenza jew in-newtralità tal-Aġenzija**;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Id-dħul li tirċievi l-Aġenzija ma għandux jikkomprometti l-indipendenza jew l-oġġettività tagħha.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Id-drittijiet*** għandhom ikunu dovuti lill-Aġenzija ***biex tintalab deċiżjoni dwar eżenzjoni skont l-Artikolu 11 u għad-deċiżjonijiet dwar allokazżjoni tal-ispejjeż transkonfinali li tipprovdi l-Aġenzija skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013***³⁹.

³⁹ ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

Emenda

1. ***Il-ħlasijiet*** għandhom ikunu dovuti lill-Aġenzija ***għal kull servizz minn dawn li ġejjin:***

(a) ***biex tintalab deċiżjoni dwar eżenzjoni skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament;***

(b) ***biex jintalbu deċiżjonijiet dwar allokazżjoni tal-ispejjeż transkonfinali li tipprovdi l-Aġenzija skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013***³⁹;

(c) ***biex jiġu reġistrati il-partijiet li jirrapportaw bi qbil mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014***^{39a};

(d) ***biex tiġi sorveljata l-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-ENTSO għall-Elettriku u tal-ENTSO għall-Gass skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.***

³⁹ ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

^{39a} ***Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar ir-rappurtar tad-dejta li jimplementa l-Artikolu 8(2) u 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121).***

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li jintalbu ħlasijiet għall-Mekkaniżmi ta' Rapportar Registrati fl-ambitu tar-

REMIT u għat-TSOs tkun mod effiċjenti biex jingħeleb in-nuqqas attwali ta' riżorsi finanzjarji u jmissha tingħata lill-Aġenzija. Din l-emenda hija neċessarja għal raġunijiet urġenti relatati mal-loġika interna tal-kapaċità baġitarja tal-Aġenzija. Tista' tippermetti li l-Aġenzija twettaq kompletament il-kompiti ġodda assenjati lilha mir-REMIT u mir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-abbozz preliminari tal-estimi għandu jiġi bbażat fuq l-objettivi u r-riżultati mistennija tad-dokument ta' programmazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 21(1), u għandu jqis ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jinkisbu dawn l-objettivi u r-riżultati mistennija, bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi ammissibbli oħra li r-rapporteur issuġġerixxa għall-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

3. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea **jew minn fornituri oħra ta' servizzi ta' traduzzjoni bi qbil mar-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti.**

Ġustifikazzjoni

Is-CdT jista' jimponi dewmien fit-traduzzjonijiet li jipperikola l-ħidma tal-Aġenzija.

Minħabba n-nuqqas attwali ta' riżorsi finanzjarji, l-Aġenzija jmissha titħalla tirrikorri għal alternattivi orħos biex twettaq l-attivitajiet tagħha, u għaldaqstant hemm bżonn li l-ACER tkun tista' testernalizza s-servizz ta' traduzzjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mhux aktar tard minn [OP: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-data għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' espert estern indipendenti, għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija b'rabta mal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jsiru modifiki fil-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe **waħda minn dawn il-modifiki** .

Emenda

1. Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' espert estern indipendenti, għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jsiru modifiki fil-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe **modifika ta' dan it-tip, bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni**.

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni huwa wieħed mill-prijoritajiet politiċi żviluppati mill-Kummissjoni u approvati mill-Parlament. Ikun xieraq li din l-emenda tirrifletti l-loġika istituzzjonali kumplessiva ta' użu aħjar tal-Baġit tal-UE.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2016)0863 – C8-0494/2016 – 2016/0378(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 19.1.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 19.1.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jens Geier 12.1.2017
Data tal-adozzjoni	30.8.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Urmas Paet, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Caputo, Anneli Jäätteenmäki, Tomáš Zdechovský

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

34	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez, Anneli Jäätteenmäki, Urmas Paet
ECR	Richard Ashworth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk
ENF	Marco Zanni
GUE/NGL	Younous Omarjee
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský
S&D	Nicola Caputo, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos
Verts/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana

2	-
EFDD	Jonathan Arnott
ENF	André Elissen

1	0
GUE/NGL	Liadh Ní Riada

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni